**Introduzzjoni**

Merħba fil-*website* tal-Bank Ċentrali ta' Malta

Il-Bank Ċentrali ta' Malta twaqqaf bl-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta fis-17 ta' April 1968. Fl-1 ta' Mejju 2004 il-Bank issieħeb fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u fl-1 ta' Jannar 2008 sar parti mill-Eurosistema.

L-għan ewlieni ta' l-Eurosistema u l-Bank Ċentrali ta' Malta huwa li jinżamm l-istabbiltà fil-prezzijiet. Biex jilħaq dan il-għan, il-Bank Ċentrali ta' Malta jieħu sehem fit-tħejjija u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

Minbarra l-għan li jinżamm l-istabbiltà fil-prezzijiet, il-Bank Ċentrali ta' Malta għandu responsabbiltajiet oħra elenkati fl-istqarrija tal-missjoni. Din is-sezzjoni tinkludi wkoll din l-informazzjoni:

- Messaġġ mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta
- L-istqarrija tal-missjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta
- L-istorja fil-qosor u l-funzjonijiet ewlenin tal-Bank Ċentrali ta' Malta
- Il-bini tal-Bank
- L-organizzazzjoni u l-kontabbiltà tal-Bank
- Informazzjoni dwar il-*logos* tal-Bank Ċentrali ta' Malta
- Il-karta tal-bilanċ tal-Bank
- Tagħrif dwar opportunitajiet ġodda ta' xogħol u ta' xiri
- Il-ħinijiet tax-xogħol tal-Bank
- Il-Liberta' tal-Informazzjoni
- Mistoqsijiet li jistaqsuna ta' spiss (FAQs)